| Il-Programm għall-Edukazzjoni Reliġjuża għall-Ewwel Sena Primarja | | |
|---|---|---|
| Kap 1 | Alla ħalaq kollox tajjeb u sabiħ | |
| | | *Hand-out* |
| L-Objettiv | Il-Lingwa Reliġjuża | |
| 1.1 | Il-ġmiel tal-ħolqien | 1.1 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Josservaw u jaraw il-ġmiel tal-ħolqien.<br>2. Japprezzaw il-ġmiel li hemm fis-sema u fl-art.<br>3. Jagħrfu li Alla ħalaq dak kollu li hemm fis-sema u fl-art.<br>4. Jgħidu 'grazzi' lil Alla ta' kollox. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Kemm huma sbieħ is-sema u l-art.<br>2. Alla ħalaq kollox għax hu Missier li jħobbna.<br>3. Jgħidu 'grazzi' lil Alla ta' kulma tahom. | |
| L-Attitudni | L-istudenti japprezzaw dak kollu li jaraw madwarhom u li tahom Alla. | |
| | | |
| 1.2 | Il-ġmiel tal-ħolqien - in-natura u l-annimali | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Josservaw u jaraw il-ġmiel tal-ħolqien.<br>2. Jaraw is-sbuħija tal-ħajja fil-ħlejjaq. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 3. Jagħrfu li Alla huwa kbir, bravu u sabiħ fl-elementi tal-ħolqien.<br>4. Jgħidu 'grazzi' lil Alla ta' dan kollu. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. L-affarijiet sbieħ li ħalaq Alla.<br>2. Alla ħalaq is-sema u l-art u dak kollu li hemm fiha - il-fjuri, l-għasafar, l-insetti, l-annimali l-kbar.<br>3. Alla huwa kbir, sabiħ u bravu.<br>4. Jgħidu 'grazzi' lil Alla li ħalaq dan kollu għalina għax iħobbna. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti japprezzaw u jiftakru fil-kobor, is-sbuħija u l-bravura ta' Alla meta jħarsu lejn in-natura u l-annimali ta' madwarhom. | |
| | | |
| **1.3** | **Ngħidu 'grazzi'** | **1.2** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Josservaw u jaraw il-ġmiel tal-ħolqien.<br>2. Jitgħallmu japprezzaw is-sbuħija li tana Alla.<br>3. Juru l-apprezzament tagħhom billi jitgħallmu jgħidu 'Grazzi!'<br>4. Jieħdu gost ikantaw u għalhekk jiftakru iktar f'dawk l-affarijiet li għandhom jirringrazzjaw lil Alla għalihom. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Isemmu affarijiet sbieħ li ħalaq Alla.<br>2. Alla ħalaq is-sema u l-art u dak kollu li hemm fiha - il-fjuri, l-għasafar, l-insetti, l-annimali l-kbar.<br>3. Alla huwa kbir, sabiħ u bravu.<br>4. Jgħidu 'Grazzi!' lil Alla li ħalaq dan kollu għalina għax iħobbna. | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| L-Attitudni | L-istudenti jagħrfu kemm hi sabiħa l-kelma 'grazzi'. Jgħiduha ta' spiss. | |
| | | |
| 1.4 | Viva l-ħolqien! | |
| L-Għanijiet | Fil-waqt li hawnhekk l-istudenti jikkonsolidaw dak kollu li jkunu semgħu u esperjenzaw fil-lezzjonijiet 1.1, 1.2, 1.3, huma, permezz ta' lezzjoni ta' krafts:<br>1. Isiru aktar konxji ta' dak li ħalaq Alla.<br>2. Japprezzaw il-ħolqien ta' madwarhom.<br>3. Jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom tat-tpinġija. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jikkonsolidaw il-kontenut tal-lezzjonijiet ta' qabel. | |
| L-Attitudni | L-istudenti jgħidu 'grazzi' lill-Mulej meta jaraw is-sbuħija tal-ħolqien. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Kelma t'Alla** | |
| 1.5 | L-istorja tal-ħolqien | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu l-istorja tal-ħolqien.<br>2. Jaraw kif Alla ħalaq id-dinja u l-elementi li hemm fiha.<br>3. Jitgħallmu li l-istorja tal-Ħolqien qiegħda fil-Bibbja.<br>4. Jifhmu li l-ħolqien jitkellem u juri l-imħabba t'Alla. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. L-istorja tal-Ħolqien insibuha fil-Bibbja. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. Alla ħalaq is-sema u l-art u dak kollu li hemm fiha.<br>3. Alla ħalaq dan kollu għaliex huwa Missierna u jħobbna.<br>4. Ngħidu 'Grazzi' lil Alla li ħalaq dan kollu għalina. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jiftakru li Alla huwa l-ħallieq tad-dinja. Huwa ħalaq id-dinja għaliex iħobbhom. | |
| | | |
| **1.6** | **Alla ħalaq id-dinja** | **1.3** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jerġgħu jirrevedu l-istorja tal-ħolqien.<br>2. Jaraw kif Alla ħalaq id-dinja u l-elementi li hemm fiha.<br>3. Jitgħallmu li l-istorja tal-Ħolqien qiegħda fil-Bibbja.<br>4. Jifhmu li l-ħolqien jitkellem u juri l-imħabba t'Alla. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. L-istorja tal-Ħolqien insibuha fil-Bibbja.<br>2. Alla ħalaq is-sema u l-art u dak kollu li hemm fiha.<br>3. Alla ħalaq dan kollu għaliex huwa Missierna u jħobbna.<br>4. Ngħidu 'grazzi' lil Alla li ħalaq dan kollu għalina. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jiftakru li Alla huwa l-ħallieq tad-dinja. Huwa ħalaq id-dinja għaliex iħobbhom. Għalhekk iridu jieħdu ħsieb l-ambjent u ħsieb tagħhom infushom ukoll. | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 1.7 | **Alla tana l-kuluri** | 1.4 |
| **L-Għanijiet:** | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu kif Alla ħalaq id-dinja u l-elementi li hemm fiha b'kuluri sbieħ.<br>2. Jieħdu gost bl-ilwien fin-natura.<br>3. Jaraw l-importanza tad-dawl u li bis-saħħa tiegħu naraw il-kuluri sbieħ li ħalaq Alla.<br>4. Jirringrazzjaw lil Alla tal-kuluri sbieħ li tana. | |
| **Kontenut:** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Alla ħalaq is-sema u l-art u dak kollu li hemm fiha b'ħafna kuluri.<br>2. Alla ħalaq dan kollu għaliex huwa Missierna u jħobbna.<br>3. Ngħidu 'Grazzi!' lil Alla talli tana kuluri sbieħ madwarna. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jiftakru li Alla huwa l-ħallieq tad-dinja. Huwa ħalaq id-dinja b'kuluri differenti għaliex iħobbhom. Għalhekk iridu jieħdu ħsiebha sewwa. | |
| | | |
| 1.8 | **Alla ħalaq l-annimali** | |
| **L-Għanijiet:** | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu li Alla ħalaq id-dinja u l-annimali differenti li hemm fiha.<br>2. Jifhmu li Alla jieħu ħsieb dawn l-annimali li ħalaq huwa stess.<br>3. Jitgħallmu jgħidu 'grazzi' lil Alla tal-annimali kollha li ħalaq. | |
| **Il-Kontenut:** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Alla ħalaq l-annimali kollha li nsibu fid-dinja.<br>2. Kemm huwa kbir, sabiħ u bravu Alla li ħalaq dawn l-annimali differenti kollha biex jagħmlu d-dinja sabiħa.<br>3. Alla ħalaq dan kollu għaliex huwa Missierna u jħobbna. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 4. Ngħidu 'Grazzi!' lil Alla tal-annimali sbieħ li tana.<br>5. Alla jieħu ħsieb dawn l-annimali kollha (l-Arka ta' Noe). | |
| Attitudni | L-istudenti jiftakru li Alla huwa l-ħallieq tad-dinja. Kemm għandhom biex jifirħu u jirringrazzjawh x'ħin jiftakru kemm tana annimali sbieħ u li jferraħna bihom. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Id-Dimensjoni Spiritwali** | |
| 1.9 | San Franġisk | 1.5 |
| L-Għanijiet: | L-istudenti:<br>1. Jiftakru kif Alla jieħu ħsieb dawn l-annimali li ħalaq huwa stess.<br>3. Jifhmu li Alla bagħat nies bħal San Franġisk biex jgħallmuna nieħdu ħsieb u nħobbu l-annimali.<br>4. Isiru jafu min hu San Franġisk.<br>5. Jagħrfu kif bħal San Franġisk isiru jħobbu u japprezzaw in-natura u ta' dak kollu li ħalaq.<br>6. Jitgħallmu jgħidu 'grazzi' lil Alla tal-annimali kollha li ħalaq hu bħalma kien jagħmel San Franġisk. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Alla ħalaq l-annimali kollha li nsibu fid-dinja u jridna nieħdu ħsiebhom.<br>2. Alla bagħat lil San Franġisk biex jgħallimna nieħdu ħsieb u nħobbu l-annimali.<br>3. San Franġisk kien iħobb ħafna lin-natura u l-annimali ta' madwaru.<br>4. Hu kien ifaħħar lil Alla u jirringrazzjah il-ħin kollu.<br>5. Bħal San Franġisk aħna wkoll irridu nħobbu l-annimali, nieħdu ħsiebhom u nirringrazzjaw u nfaħħru lil Alla. | |
| L-Attitudni | L-istudenti, bħal San Franġisk għandhom jifirħu u jirringrazzjawh tan-natura u l-annimali sbieħ li jaraw fid-dinja. Għandhom ukoll jirrispettawhom u jieħdu ħsiebhom. | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 1.10 | **San Franġisk u l-annimali** | 1.6 |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jaraw li Alla jieħu ħsieb l-annimali li ħalaq huwa stess.<br>2. Jifhmu li Alla bagħat lil San Franġisk biex jgħallimna nieħdu ħsieb u nħobbu l-annimali.<br>3. Bħal San Franġisk isiru jħobbu u japprezzaw in-natura u l-annimali li ħalaq Alla.<br>4. Jitgħallmu jgħidu 'grazzi' lil Alla tal-annimali kollha li ħalaq hu bħalma kien jagħmel San Franġisk.<br>5. Jiċċelebraw il-Festa ta' San Franġisk u l-annimali.<br>6. Jisimgħu l-istorja ta' San Franġisk u l-lupu. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. San Franġisk jgħallimna nieħdu ħsieb u nħobbu l-annimali.<br>2. San Franġisk kien ikellem lil annimali differenti (semmi xi annimali li San Franġisk iltaqa' magħhom).<br>3. Bħal San Franġisk aħna wkoll irridu nħobbu l-annimali, nieħdu ħsiebhom u nirringrazzjaw u nfaħħru lil Alla. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti dejjem iżommu f'moħħhom li Alla hu l-ħallieq tad-dinja. Bħal San Frangisk iħobbu dak kollu li ħalaq Alla. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika** | |
| 1.11 | **Alla ħalaq Lili** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jirrealizzaw li aħna ħlejjaq ta' Alla u li ħalaqna għax iħobbna.<br>2. Jirrealizzaw li Alla lilna għamilna kollha speċjali u sbieħ.<br>3. Jagħrfu li l-bniedem hu l-isbaħ ħlejqa fil-ħolqien u jiżviluppaw 'self-awareness' u 'self-image' | |

| | | |
|---|---|---|
| | pożittiva.<br>4. Jiġu konxji tal-karatteristiċi fiżiċi u l-abbiltajiet li għandhom. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. L-importanza tal-persuni ta' madwarna.<br>2. Alla ħalaq lil kulħadd speċjali għax iħobbna.<br>3. Huma speċjali għal raġunijiet diversi.<br>4. Ngħidu 'grazzi' lil Alla talli ħalaqhomi u għamilhom speċjali. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jagħrfu li huma ħolqien t'Alla għaliex hu jħobbhom. | |
| | | |
| **1.12** | **Alla ħalaq lili (Krafts)** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jifhmu li aħna ħlejjaq ta' Alla u li ħalaqna għax iħobbna.<br>2. Jirrealizzaw li Alla lilna għamilna kollha speċjali u sbieħ.<br>3. Jagħrfu li l-bniedem hu l-isbaħ ħlejqa fil-ħolqien u jiżviluppaw 'self-awareness' u 'self-image' pożittiva.<br>4. Jiġu konxji tal-karatteristiċi fiżiċi u l-abbiltajiet li għandhom.<br>5. Permezz ta' din l-attività *hands on* jiġu konxji tal-importanza tagħhom u ta' madwarhom. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. L-importanza tal-persuni ta' madwarhom.<br>2. Alla ħalaq lil kulħadd speċjali għax iħobbna.<br>3. Huma speċjali għal raġunijiet diversi.<br>4. Ngħidu 'grazzi' lil Alla talli ħalaqni u għamilni speċjali. | |

| | | |
|---|---|---|
| L-Attitudni | L-istudenti japprezzaw li huma speċjali għaliex huma ħolqien t'Alla. | |
| | | |
| 1.13 | Nieħu ħsieb dak li tani Alla | 1.7 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Japprezzaw il-ħolqien t'Alla.<br>2. Josservaw id-differenzi fl-affarijiet u fid-dinja ta' madwarhom.<br>3. Jieħdu ħsieb dak kollu li ħalaq Alla. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Kemm hu sabiħ il-ħolqien t'Alla.<br>2. Inħobbu lil Alla billi napprezzaw dak li tana meta nieħdu ħsieb il-ħolqien tiegħu.<br>3. Nieħu ħsieb tiegħi nnifsi u l-affarijiet ta' madwari.<br>4. Alla tani biċċa xogħol speċjali. Irrid inżomm id-dinja sabiħa billi nieħu ħsieb dak li tani.<br>5. Alla tana n-natura u l-bnedmin bħala rigal. | |
| L-Attitudni | L-istudenti jifirħu li Alla ħalaq lilna u l-ħolqien ta' madwarna. Jaslu jagħrfu li għandhom jieħdu ħsieb l-ambjent billi jirriċiklaw u ma jaħlux. | |
| | | |
| 1.14 | Nagħmel it-tajjeb | 1.8 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Japprezzaw ir-rigali fil-ħolqien t'Alla.<br>2. Jifhmu li huma rigali għal xulxin.<br>3. Jagħrfu bl-importanza li jagħmlu dak li hu tajjeb. | |

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. In-nies ta' madwari huma rigali.<br>2. Alla tana n-natura u l-bnedmin l-oħra bħala rigali. Napprezzaw dan kollu.<br>3. Irridu naħdmu biex nagħmlu dak li hu tajjeb.<br>4. Irrid inżomm id-dinja sabiħa billi nieħu ħsieb dak li tani. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jagħrfu kemm hu sew li nagħmlu dejjem dak li hu tajjeb. | |
| | | |
| **Kap2** | **Qawsalla ta' Kuluri** | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Lingwa Reliġjuża** | |
| **2.1** | **Jien kulur sabiħ. Jien parti mill-ħolqien.** | **2.1** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jifhmu li huma parti mill-ambjent ta' madwarhom.<br>2. Jirrealizzaw li huma għandhom sensi – qalb, moħħ, eċċ.<br>3. Jagħrfu l-użu ta' dawn is-sensi. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Jien parti mill-ħolqien.<br>2. Jien għandi qalb, moħħ u s-sensi l-oħra li jgħinuni nsir aħjar.<br>3. Alla tani ħafna nies f'ħajti speċjalment dawk li jieħdu ħsiebi biex insir persuna aħjar. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti japprezzaw dak li għandhom u jaħdmu biex isiru aħjar. | |
| | | |

| 2.2 | Aħna kuluri sbieħ u differenti | |
|---|---|---|
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jiġu konxji tad-differenzi li hemm bejnhom u bejn l-oħrajn.<br>2. Japprezzaw lil xulxin.<br>3. Jirrealizzaw li kollha huma speċjali. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Jien differenti minnek.<br>2. Int differenti minni.<br>3. Aħna kollha ħbieb.<br>4. B'li aħna, aħna kollha speċjali. | |
| L-Attitudni | L-istudenti japprezzaw lilhom infushom u lil dawk ta' madwarhom waqt li jaħdmu biex flimkien isiru aħjar. | |
| | | |
| 2.3 | Flimkien veru sbieħ | 2.2 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jiġu konxji tad-differenzi li hemm bejnhom u bejn l-oħrajn.<br>2. Jisimgħu l-istorja tal-kuluri (il-*crayons*).<br>3. Jagħrfu d-differenza ta' kull wieħed. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Jien differenti minnek.<br>2. Int differenti minni.<br>3. Aħna kollha ħbieb.<br>4. B'li aħna, aħna kollha speċjali. | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| L-Attitudni | Naqsmu li għandna mal-oħrajn. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Kelma t'Alla** | |
| 2.4 | Niċċelebraw ilkoll flimkien | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jieħdu pjaċir waqt li jkun ikkonsolidat il-punt li aħna differenti imma aħna lkoll speċjali.<br>2. Jifhmu li flimkien aħna nistgħu nikbru u nkunu ferħanin. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Kemm hu sabiħ li nifirħu flimkien bħala komunità tal-klassi.<br>2. Meta nkunu flimkien nikbru u nsiru aħjar.<br>3. Il-ferħ jgħinna nikbru tassew. | |
| L-Attitudni | L-istudenti japprezzaw il-fatt li jieħdu pjaċir li jkunu flimkien. | |
| | | |
| 2.5 | Alla Missier tagħna lkoll | 2.3 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu li aħna familja waħda.<br>2. Japprezzaw il-fatt li Alla hu Missier tagħna lkoll. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Aħna familja waħda.<br>2. Fil-familja kulħadd iħobb lil kulħadd.<br>3. Missierna tas-sema huwa Missier kulħadd. | |

| | | |
|---|---|---|
| **L-Attitudni** | L-istudenti jitgħallmu jħobbu lil xulxin tassew. | |
| | | |
| **2.6** | **Ġesù jħobb lit-tfal tassew** | 2.4 |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jifhmu kemm Alla wriena l-imħabba tiegħu permezz ta' Ġesù.<br>2. Jisimgħu l-istorja ta' Ġesù mat-tfal. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Alla Missier iħobbna tassew.<br>2. Alla bagħat lil Ġesù għalina.<br>3. Ġesù kien għajjien imma xorta ltaqa' mat-tfal.<br>4. Ġesù jħobb lit-tfal tassew. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jirringrazzjaw lil Alla li tana lil Ġesù. | |
| | | |
| **2.7** | **It-tifel li reġa' lura ...........** | **2.5** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jirrevedu l-fatt tal-imħabba li Ġesù għandu għalina.<br>2. Jisimgħu l-istorja tal-Iben il-Ħali.<br>3. Joħorġu l-attitudni ta' 'sorry' minn din l-istorja. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-missier kellu żewġt ulied.<br>2. It-tifel iż-żgħir tal-istorja tbiegħed minn missieru.<br>3. Missieru baqa' jistennieh. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 4. It-tifel iddispjaċih u reġa' lura.<br>5. Il-missier tant feraħ li għamillu festa. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jitgħallmu jgħidu 'sorry'/aħfirli meta jonqsu lil xi ħadd. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Id-Dimensjoni Spiritwali** | |
| **2.8** | **Alla jgħallimna permezz ta' Ġesù** | **2.6** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jiċċelebraw b'attitudni ta' ferħ u ringrazzjament l-imħabba li Alla għandu għalina permezz ta' Ġesù.<br>2. Jagħrfu modi kif jistgħu jirringrazzjaw lil Alla. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Alla tana lil Ġesù bħala rigal.<br>2. Jirringrazzjaw lil Alla b'dak li jgħidu u dak li jagħmlu.<br>3. Jirringrazzjaw lil Alla meta jfaħħruh u meta jitlob. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jirringrazzjaw lil Alla għal dak li għandhom u tahom. | |
| | | |
| **2.9** | **Hurray. Alla jħobbni permezz ta' Ġesù** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu u jirringrazzjaw lil Alla billi jfaħħruh u jifirħu flimkien.<br>2. Jagħrfu li l-akbar ringrazzjament lil Alla hu meta jiftakru fl-imħabba t'Alla għalina permezz ta' Ġesù. | |

| | | |
|---|---|---|
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù jurina li għandna nħobbu lil kulħadd.<br>2. Ġesù wriena kif għandha tkun din l-imħabba permezz ta' dak li qal u għallem. | |
| L-Attitudni | Ġesù ħabbna tassew. Ejjew inħobbu lil xulxin tassew. | |
| | | |
| 2.10 | Kif ser inħobbu tassew | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Japprezzaw li huma ħbieb.<br>2. Jaħdmu biex jieħdu kura ta' xulxin.<br>3. Jifhmu l-bżonn li jridu jċedu. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-ħbieb iħobbu lil xulxin.<br>2. Jieħdu kura ta' xulxin meta jaqsmu li għandhom mal-oħrajn.<br>3. Jgħidu 'aħfirli' fil-pront u bil-qalb. | |
| L-Attitudni | L-istudenti jgħidu 'aħfirli' meta jiżbaljaw. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika** | |
| 2.11 | Trid tgħinni? | 2.7 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jisimgħu u jitgħallmu l-istorja tal-paralitiku.<br>2. Japprezzaw il-mod ta' kif Ġesù ġab ruħu ma' dan iż-żagħżugħ. | |

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-ħbieb tal-paralitiku kienu ħbieb tassew.<br>2. Ġesù fejjaq lil dan iż-żagħżugħ.<br>3. Ġesù ħafirlu dnubietu.<br>4. Iż-żagħżugħ kien ferħan għax fieq u sar ħabib m'Alla. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jkunu lesti li jbatu għal ħbiebhom biex issaltan il-paċi. | |
| | | |
| **2.12** | **Kif ser ngħin tassew** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jirrevedu l-istorja tal-paralitiku.<br>2. Jagħrfu s-siwi tal-għajnuna lejn l-oħrajn.<br>3. Japprezzaw u jieħdu ħsieb xulxin. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Meta ngħin inkun qed inħobb.<br>2. Ngħin billi nsellef lil min għandu bżonn.<br>3. Naqsam li għandi mal-oħrajn.<br>4. Inkun ma' kulħadd.<br>5. Inħalli lil kulħadd jilgħab. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti japprezzaw is-sbuħija tal-għajnuna li jagħtu lil xulxin. | |
| | | |

| 2.13 | Affarijiet li jgħaqqduna flimkien | 2.8 |
|---|---|---|
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Japprezzaw il-fatt li fid-dinja jeżistu tfal oħrajn.<br>2. Jagħrfu d-differenzi bejnhom u bejn dawn it-tfal.<br>3. Jagħrfu x'jgħaqqadhom flimkien ma' dawn it-tfal. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Hemm tfal li qed ibatu fl-artijiet tal-missjoni.<br>2. Jistgħu jgħinuhom u jagħtuhom milli għandhom.<br>3. Aħna lkoll aħwa għax għandna missier wieħed – il-Missier tas-sema. | |
| L-Attitudni | L-istudenti japprezzaw kemm hu tajjeb u sabiħ li jitolbu għal min ma jistgħux jgħinuh b'mod ieħor. | |
| | | |
| 2.14 | Aħna ċirku wieħed | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Japprezzaw il-fatt li fid-dinja jeżistu tfal oħrajn.<br>2. Jagħrfu d-differenzi bejnhom u bejn tfal oħra.<br>3. Jesperjenzaw x'jistgħu jagħmlu biex jgħinu lil dawk fil-bogħod. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Hemm tfal li qed ibatu fl-artijiet tal-missjoni.<br>2. Jgħinuhom u jagħtuhom milli għandhom.<br>3. Aħna lkoll aħwa għax għandna missier wieħed – il-Missier tas-sema. | |
| L-Attitudni | L-istudenti jkunu lesti jgħinu anke lil min hu mbiegħed minnhom. | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Kap3** | **Inħobbu lil xulxin bħal aħwa** | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Lingwa Reliġjuża** | |
| **3.1** | **Alla ħalaq kollox bl-imħabba** | **3.1** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jiftakru li Alla ħalaq kollox għax iħobb.<br>2. Jagħrfu li Alla jħobb l-aktar lilna l-bnedmin.<br>3. Jifhmu li Alla jinsab kullimkien. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Alla jinsab kullimkien.<br>2. Alla ħalaq kollox sabiħ għalina.<br>3. Ikantaw il-kanzunetta 'Alla ħalaq'.<br>4. Alla jħobbna għax tana dak kollu li għandna. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti japprezzaw l-ambjent u jitgħallmu jibżgħu għalih. | |
| | | |
| **3.2** | **Aħna t-tfal t'Alla u aħwa ta' xulxin** | **3.2** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu li aħna sirna wlied Alla permezz tal-Magħmudija.<br>2. Jifhmu li bil-Magħmudija sirna parti mill-familja kbira ta' dawk li jemmnu.<br>3. Jiġu konxji li bil-Magħmudija sirna aħwa ta' xulxin. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Aħna sirna parti mill-familja t'Alla meta aħna ħadna l-Magħmudija | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. Aħna sirna aħwa ta'xulxin għax Alla hu Missier tagħna lkoll.<br>3. Ġesu huwa wkoll ħuna. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti japprezzaw li għalkemm huma individwi, u għalhekk hemm differenzi bejniethom, imma xorta jistgħu jkunu ħbieb u aħwa ta' xulxin. | |
| | | |
| **3.3** | **Aħna aħwa imma differenti** | **3.3** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jifhmu li huma aħwa imma differenti.<br>2. Jagħrfu x'jistgħu jkunu dawn id-differenzi.<br>3. Japprezzaw lil xulxin b'dak li hemm komuni. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Aħna t-tfal t'Alla u aħwa ta' xulxin.<br>2. Kull tifel hu iben Alla.<br>3. Kull tifla hija bint Alla.<br>4. Jien u int b'dak li għandna nistgħu nkun u ħbieb. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti japprezzaw dawk l-affarijiet li jgħaqqduhom flimkien. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Kelma t'Alla** | |
| **3.4** | **Lili u lilek Alla jħobbna** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jikkonsolidaw li hemm affarijiet li jgħaqqdu lilhom ma' sħabhom.<br>2. Jagħrfu kemm Alla hu Alla li jħobb. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 3. Japprezzaw li Alla jħobbhom tassew. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Alla tahom ħafna affarijiet sbieħ.<br>2. Alla tahom lil min jieħu ħsiebhom.<br>3. Iridu jiftakru li Alla magħhom il-ħin kollu. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jkunu ferħanin li jilagħbu flimkien. | |
| | | |
| **3.5** | **Kif iħobbna Alla l-Missier** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu x'inhi l-imħabba t'Alla għalihom.<br>2. Jifhmu kemm hi kbira din l-imħabba.<br>3. Japprezzaw li Alla jħobbhom tassew. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu:<br>1. L-ewwel imħabba t'Alla ntweriet meta ħalaq id-dinja.<br>2. L-imħabba għalihom tidher meta ħalaqhom.<br>3. Din l-imħabba tidher fil-ħbiberija tagħhom mal-aħrajn fejn jista' jkollhom ħajja aħjar.<br>4. L-ikbar imħabba tidher meta Alla bagħat lil Ġesù.<br>5. La Alla jieħu ħsieb it-tajr u l-ġilji, kemm aktar jieħu ħsieb lilhom! | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jkunu lesti li jgħinu lil xulxin bil-qalb. | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 3.6 | **Ġesu' kien iħobb tassew!** | 3.4 |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu dwar imħabbet Alla mill-ħajja ta' Ġesù.<br>2. Jifhmu kif kien iġib ruħu Ġesù.<br>3. Jitgħallmu kif għandhom iġibu ruħhom huma bejniethom u ma' kulħadd. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù wera l-imħabba tiegħu:<br>✓ Meta tema' folla nies b'ħames ħobżiet u żewġ ħutiet.<br>✓ Meta qajjem lit-tifla ta' Ġajru.<br>✓ Meta, għalkemm għajjien, qam u kellem lit-tfal.<br>✓ Meta fejjaq żagħżugħ li kien dejjem fis-sodda għax marid.<br>2. Ġesù wera l-imħabba tiegħu b'ħafna modi, u għalhekk aħna jridu jagħmlu l-istess anke jekk ma jkollhomx aptit, jekk jiddejqu jew ma jaqblux fuq xi ħaġa. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jħobbu lil kulħadd bħalma kien jagħmel Ġesù. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Id-Dimensjoni Spiritwali.** | |
| 3.7 | **Ejja naħfru lil xulxin** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jifhmu kemm hu importanti li jaħfru lil xulxin.<br>2. Jifhmu li meta jaħfru jagħmlu d-dinja aħjar. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Meta jġibu ruħhom ħażin għandhom iħosu l-bżonn li jitolbu skuża.<br>2. Meta jaħfru jkomplu jgħixu kuntenti flimkien. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 3. Meta jkunu miġġildin ikunu mdejqin.<br>4. Meta jkunu ħbieb ikunu ferħanin.<br>5. Il-maħfra tnissel paċi u ferħ fejn ikunu qed jgħixu. | |
| L-Attitudni | L-istudenti jitgħallmu li meta jkunu miġġildin, jitkellmu, bil-mod tagħhom, avolja għadhom ta' età ċkejkna, biex jaraw fuqiex ma jaqblux. | |
| | | |
| 3.8 | L-istorja ta' Ġużeppi | 3.5 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jsiru midħla tal-istorja ta' Ġużeppi.<br>2. Jifhmu x'għamel Ġużeppi biex ħafer.<br>3. Jagħrfu kif bħal Ġużeppi dejjem iridu jkunu lesti li jbatu biex jaħfru. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ħut Ġużeppi ma kinux iħobbu lil ħuhom u għalhekk għamlulu l-ħsara.<br>2. Kienu kattivi miegħu tant li biegħuh lil xi nies.<br>3. Hu baqa' jħobbhom tant li ħafrilhom.<br>4. Bħal Ġużeppi jridu jkunu dejjem lesti li jaħfru u jħobbu lil xulxin.<br>5. Biex ikunu kapaċi jaħfru jridu jbatu.<br>6. Juru li huma tassew aħwa meta jaħfru lil xulxin minn qalbhom. | |
| L-Attitudni | L-istudenti jaħfru u allura jkunu tfal li juru mġiba tajba lejn xulxin. | |
| | | |
| 3.9 | Ġużeppi jgħallimna naħfru | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jirrevedu l-istorja ta' Ġużeppi mibjugħ minn ħutu. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. Jiskopru modi differenti ta' kif jistgħu jgħixu sew.<br>3. Japprezzaw il-qawwa tal-maħfra. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Jaħfru lil kulħadd bħalma ħafer Ġużeppi li kien iħobb lil Alla.<br>2. Jaħfru lil xulxin għax kulħadd xi darba naqas lil xi ħadd.<br>3. Meta jagħmlu xi ħaġa ħażina għandhom ikunu kapaċi jitolbu skuża minn qalbhom u juru li tassew jiddispjaċihom. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti juru mħabba sinċiera lejn xulxin u jixtiequ l-ġid lil xulxin (mhux jgħiru). | |
| | | |
| **3.10** | **Naħfer għax inħobb** | **3.6** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Japprezzaw il-fatt li min jaħfer jew jitlob maħfra jkun qed iħobb tassew.<br>2. Jifhmu kif Ġesu wkoll ħafer lill-għedewwa tiegħu. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Meta jiżbaljaw, iridu juru li jiddispjaċihom billi jitolbu maħfra.<br>2. Meta jiżbaljaw, huma jkunu jridu min jaħfrilhom.<br>3. Meta jiżbalja ħaddieħor, huma jridu jaħfrulu.<br>4. Iħossu l-bżonn li jitolbu maħfra għax jindunaw li għamlu xi ħaġa mhux tajba.<br>5. Meta jitolbu skuża lil Alla jkunu qegħdin jgħidulu 'aħfirli ta' dak li għamilt ħażin'.<br>6. Mal-'aħfirli' jrid ikun hemm il-wegħda li kemm jista' jkun ma jerġgħux jirrepetu dak li jkunu għamlu ħażin.<br>7. Ġesu għalkemm bla ħtija ħafer lill-għedewwa tiegħu u mhux biss imma skuża l-għemil tagħhom. | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| L-Attitudni | L-istudenti jitolbu skuża billi jiddispjaċihom ta' dak li jkunu għamlu u jerġgħu jsiru ħbieb. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika.** | |
| 3.11 | Kif għandna nġibu ruħna | 3.7 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu kif jistgħu jkun tassew aħwa ta' xulxin.<br>2. Jitgħallmu dan il-kunċett permezz ta' eżempji konkreti. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Kemm hu sew li huma jgħinu fid-dar, fl-iskola u kull fejn ikunu.<br>2. Meta jagħtu l-għajnuna lil xulxin ikunu tassew qed iħobbu lil Ġesù.<br>3. Jgħidu 'nħobbok' meta jgħinu bil-fatti u mhux bil-kliem biss. | |
| L-Attitudni | L-istudenti jħobbu bħal Ġesù meta jħobbu bil-fatti u mhux bil-kliem. | |
| | | |
| 3.12 | M'għandix x'nagħtik, imma nistgħu nkunu ħbieb | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu li biex tħobb m'hemmx bżonn li tagħti rigali.<br>2. Jifhmu jesprimu l-imħabba tagħhom mingħajr ma jagħtu rigali, ġugarelli jew flus. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ikunu ħbieb tassew meta jieħdu pjaċir li jkunu flimkien.<br>2. Ir-rigali li jistgħu jagħtu lil xulxin huma:<br>- Biżżejjed li jilagħbu flimkien. | |

| | | |
|---|---|---|
| | - Jgħinu lil xulxin minn qalbhom.<br>- Iċemplu lil xi ħadd marid.<br>- Jitolbu għal dawk li għandhom xi bżonnijiet.<br>- Ir-rigali juru mħabba, imma m'humiex bżonnjuż ta' kuljum u l-ħin kollu. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti juru li jħobbu lil xulxin, anke meta ma jagħtux rigali. Ir-rigali m'humiex kollox fl-imħabba. | |
| | | |
| **3.13** | **Aħna aħwa ta' xulxin** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu li biex iħobbu jridu jaħdmu għall-għaqda.<br>2. Jifhmu jesprimu permezz ta' eżempji konkreti kif l-għaqda u l-ħbiberija tista' sseħħ. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Juru li huma aħwa billi:<br>- Jgħinu lil xulxin.<br>- Jilagħbu flimkien.<br>- Jaqsmu li għandhom ma' xulxin.<br>- Jaħarbu l-ġlied.<br>- Jisimgħu lil xulxin. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti juru li jirrispettaw lil xulxin meta jgħinu bil-qalb. | |
| | | |

| 3.14 | Niċċelebraw l-imħabba vera ta' bejnietna. | 3.8 |
|---|---|---|
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jingħataw l-opportunità li jiċċelebraw il-veru sens ta' mħabba flimkien bħal aħwa.<br>2. Jieħdu pjaċir jiċċelebraw flimkien. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Alla jħobbna tassew.<br>2. Huma jridu jħobbu bħalma ħabbhom Alla permezz ta' Ġesù. | |
| L-Attitudni | L-istudenti juru li jħobbu lil xulxin għax kapaċi jisimgħu lil xulxin. | |
| | | |
| **Kap 4** | **Ejjew inkunu ħbieb tajbin** | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Lingwa Reliġjuża** | |
| 4.1 | Jien u l-ħbieb | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu li kulħadd jista' jkun ħabib.<br>2. Jitgħallmu li jistgħu jgħinu u jilagħbu ma' kulħadd. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Huma għandhom ħabib speċjali.<br>2. Huma jistgħu jkunu ħbieb ta' kulħadd.<br>3. Qatt ma għandhom iħallu 'l ħadd barra mil-logħob. | |
| L-Attitudni | L-istudenti japprezzaw lill-ħbieb tal-qalb tagħhom. Jgħinuhom u jilagħbu ma' kulħadd. | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 4.2 | **Il-ħbieb x'jagħmlu?** | 4.1 |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu xi tfisser ħbieb veri.<br>2. Jifhmu li l-ħbiberija vera tintwera meta:<br>- Jgħinu lil kulħadd u mhux lil sħabhom biss.<br>- Jaqsmu li għandhom mal-oħrajn. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Kif iġibu ruħhom sew ma' kulħadd.<br>2. Jitkellmu u mhux jitgħajru u jiġġieldu.<br>3. Kulħadd hu ħabib anke meta hu differenti minni.<br>4. Il-ħbieb jgħinu lil xulxin u jaħdmu flimkien.<br>5. Il-ħbieb ma jidħkux b'xulxin jew iwarrbu lil xulxin. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti ma jħallu lil ħadd barra waqt il-logħob. Jgħinu, jitkellmu u jilagħbu flimkien. | |
| | | |
| 4.3 | **Kulħadd jista' jkun ħabib** | 4.2 |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu li kulħadd jista' jkun ħabib tagħhom.<br>2. Jiftakru li anke ma' dawk li qegħdin 'il bogħod jistgħu jkunu ħbieb.<br>3. Jiftakru li kullimkien jistgħu jagħmlu ħbieb ġodda. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Aħna l-bnedmin kollha differenti minn xulxin.<br>2. Anke fil-ħolqien hemm id-differenzi. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 3. Għalkemm aħna differenti, aħna kollha wlied Alla.<br>4. Kulħadd jista' jkun ħabib tiegħi għax minn kulħadd nista' nitgħallem. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jgħinu, jitkellmu u jilagħbu ma' kulħadd. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Kelma t'Alla** | |
| **4.4** | **Il-ħbieb ta' Ġesù** | **4.3** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jisimgħu l-istorja ta' Ġesu' ma' Marta u Marija u Lazzru.<br>2. Jitgħallmu kif il-ħbieb kienu jġibu ruħhom ma' Ġesù.<br>3. Jifhmu li Ġesù riedna nkunu ħbieb tajbin bħalma kien hu.<br>4. Jitgħallmu li l-ħbieb jagħtu l-għajnuna. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù kellu ħafna ħbieb.<br>2. Ġesù kellu l-ħbieb speċjali tiegħu. Dawn kienu jafdaw ħafna fih.<br>3. Mal-ħbieb iridu jagħmlu dak li hemm bżonn.<br>4. Il-ħbieb qegħdin hemm biex ngħinuhom u jgħinuna u nitgħallmu minn xulxin.<br>5. Ġesù kien jgħin lil ħbiebu fil-bżonn. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jgħinu bħal Ġesù. | |
| | | |
| **4.5** | **Ġesù jgħidilna x'nagħmlu mal-ħbieb tagħna** | **4.4** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jifhmu li Ġesu'jridhom ikunu ħbieb tajbin kif kien hu. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. Jifhmu li Ġesùjridhom ikunu ħbieb billi joffru għajnuna lil kulħadd.<br>3. Jagħrfu li jridu jkunu ħbieb ma' kulħadd. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù kien ħabib tajjeb għax kien jgħin lil min kien ikollu bżonn, jaħfer u jħobb u jaqsam ħinu mal-ħbieb.<br>2. Biex ikunu ħbieb tajbin jridu jagħmlu kif kien jagħmel Ġesù.<br>3. Dak li ma kienx jagħmel Ġesù m'għandhomx jagħmluh huma. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti nġibu ruħhom ma' ħaddieħor kif iridu li ħaddieħor iġib ruħu magħhom. | |
| | | |
| **4.6** | **Is-Samaritan it-Tajjeb** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jisimgħu l-istorja tas-Samaritan it-Tajjeb.<br>2. Jitgħallmu kif għandha tkun l-għajnuna vera.<br>3. Jifhmu li għal Ġesù kulħadd hu ħabib u allura jrid jiġi mgħejjun.<br>4. Jifhmu kif iridu jkunu ħbieb ta' kulħadd billi jgħinu anke jekk ibatu. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù jixbah lil dak is-Samaritan it-tajjeb.<br>2. Ġesù jgħallimna ngħinu lil kulħadd.<br>3. Jgħinu milli jistgħu lil min hu bil-bżonn.<br>4. Jgħinu lil kulħadd anke lil min ma jafuhx.<br>5. Ġesù jixtieqhom jgħinu anke lil min ma jaqblux miegħu. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jgħinu anke jekk iridu jċedu xi ħaġa milli għandhom li togħġobhom. | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| **L-Objettiv** | **Id-Dimensjoni Spiritwali** | |
| **4.7** | **Int ukoll tista' tkun Samaritan Tajjeb** | **4.5** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jirrevedu l-istorja tas-Samaritan it-Tajjeb.<br>2. Jitgħallmu kif għandha tkun l-għajnuna vera.<br>3. Jifhmu li għal Ġesù kulħadd hu ħabib u allura jrid jiġi mgħejjun.<br>4. Jifhmu kif iridu jkunu ħbieb ta' kulħadd billi jgħinu anke jekk ibatu. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Jgħinu milli jistgħu lil min hu bil-bżonn.<br>2. Jgħinu lil kulħadd anke lil min ma jafuhx.<br>3. Ġesù jixtieqhom jgħinu anke lil min ma jaqblux miegħu. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jgħinu anke jekk iridu jċedu xi ħaġa milli għandhom li togħġobhom. | |
| | | |
| **4.8** | **It-tfal tad-dinja huma kollha ħbieb** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jisimgħu dwar tfal oħrajn li jgħixu fid-dinja.<br>2. Jitgħallmu kif dawn huma differenti minna.<br>3. Jagħrfu jiċċelebraw id-differenzi bejn tfal tad-dinja bit-tpinġija. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Huma differenti minn oħrajn fil-bqija tad-dinja għaliex jgħixu differenti.<br>2. Id-differenzi jinsabu, fost l-oħrajn, fil-kulur tal-ġilda u fl-ambjent.<br>3. Alla hu Missier kulħadd. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 4. Ħadd mhu l-istess. Huma kollha differenti minn xulxin imma Alla jħobb lil kulħadd.<br>5. Biex fid-dinja ma jkunx hawn ġlied, kulħadd irid jaħdem biex inkunu ħbieb, | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jilqgħu l-istedina biex iferrħu lil kulħadd. Jaħsbu f'kulħadd biex ikunu ħbieb tajbin. | |
| | | |
| **4.9** | **San Martin** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jisimgħu l-istorja ta' San Martin.<br>2. Jifhmu li jġibu ferħ meta jagħtu minn dak li għandhom lil min hu fil-bżonn.<br>3. Jirrealizzaw li mhux ħaġa ħafifa jaqsmu ma' min ma jafuhx jew mhux qrib tagħhom. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Għandhom jitgħallmu jgħinu bħal San Martin.<br>2. Huma differenti minn oħrajn fil-bqija tad-dinja għaliex jgħixu differenti.<br>3. Id-differenzi, fost l-oħrajn, huma fil-kulur tal-ġilda u fl-ambjent.<br>4. Alla hu Missier kulħadd.<br>5. Ħadd mhu l-istess. Kollha differenti minn xulxin. Imma Alla lil kulħadd iħobb.<br>6. Biex fid-dinja ma jkunx hawn ġlied, kulħadd irid jaħdem biex inkunu ħbieb.<br>7. Il-fqar li jgħixu 'l bogħod huma ħbieb tagħhom ukoll u jistgħu jgħinuhom. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jsiru jafu aktar dwar il-fqar. Jitgħallmu japprezzaw dak li għandhom/jgħinu kif jistgħu/ jitolbu għalihom. | |
| | | |

| 4.10 | Ngħin u nsellef | 4.6 |
|---|---|---|
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jirrevedu l-istorja ta' San Martin.<br>2. Jitgħallmu juru mħabba lejn kulħadd.<br>3. Jirrealizzaw li l-ħbiberija hija rigal. Jiċċelebraw il-ħbiberija tagħhom flimkien. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Meta kulħadd jagħmel il-parti tiegħu kulħadd ikun ferħan.<br>2. Il-ħbieb veri jaqsmu mal-oħrajn u jsellfu.<br>3. Il-ħbieb jaħdmu flimkien.<br>4. Ġesu jieħu gost bit-tfal li jaqsmu li jkollhom mal-oħrajn kif kien ħa gost bit-tifel tal-ħames ħobżiet u żewġ ħutiet. | |
| L-Attitudni | L-istudenti jaħsbu f'kulħadd biex ikunu ħbieb li jogħġbu lil Ġesù. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika** | |
| 4.11 | Meta nitbissem nuri li jien ferħan bik | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu li t-tbissima tgħin biex tikber il-ħbiberija.<br>2. Jitgħallmu li meta nitbissmu<br>- Inġibu ferħ fost sħabna.<br>- Nuru li aħna ferħanin flimkien. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. It-tbissima ġġib ferħ kulfejn inkun.<br>2. Biex juru li huma ferħanin b'xi ħadd, jitbissimlu. Il-buri jdejqu lil kulħadd. | |

| | | |
|---|---|---|
| **L-Attitudni** | L-istudenti joffru l-ħbiberija sinċiera bi tbissina. | |
| | | |
| **4.12** | **Meta ma naqblux xorta nistgħu nkunu ħbieb** | **4.7** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jifhmu li xi kultant il-ħbieb ma jaqblux.<br>2. Jagħrfu li għalkemm ma jaqblux xorta jridu jibqgħu' juru rispett.<br>3. Jirrealizzaw li għalkemm meta ma jaqblux flimkien, xorta jirrispettaw lil xulxin. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Hu normali li xi kultant ma naqblux. B'hekk ma jfissirx li m'għadniex ħbieb.<br>2. Waqt li ma jaqblux xorta jridu jġibu ruħhom tajjeb.<br>3. Biex jargumentaw m'għandhomx bżonn inweġġgħu jew ipattuha lil ħaddieħor.<br>4. Wara li jiggieldu jiskużaw ruħhom, jaħfru u jergġħu jagħmlu ħbieb. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jġibu ruħhom tajjeb, jirrispettaw u jġibu ruħhom ma' ħaddieħor kif iridu li ħaddieħor iġib ruħu magħhom. | |
| | | |
| **4.12** | **Fid-dinja qegħdin flimkien** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jifhmu li jġibu ħafna ferħ meta jagħtu minn dak li għandhom lil min hu fil-bżonn.<br>2. Jagħrfu li mhux ħaġa ħafifa jaqsmu ma' min ma jafuhx jew mhux qrib tagħhom. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Mhux kulħadd jgħix komdu bħalna. Fid-dinja hawn min qed ibati ħafna.<br>2. Il-fqar li jgħixu 'l bogħod huma ħbieb tagħna wkoll u nistgħu ngħinuhom. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 3. Ejja nagħmlu xi ħaġa biex ngħinuhom! | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jsiru jafu aktar dwar it-tfal li huma foqra, morda u f'xi bżonn ieħor li huma qrib u 'l bogħod minnhom | |
| | | |
| **4.13** | **X'jgħid Ġesù dwar il-ħbieb** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Isiru konxji li Ġesu' jgħallimhom li l-ħbieb iħobbu lil xulxin.<br>2. Jitgħallmu li meta juru rispett lil sħabhom, ikunu qed jirrispettaw lil Ġesù wkoll.<br>3. Jagħrfu li n-nies ta' madwarhom jinġibdu lejhom meta huma jirrispettaw lil kulħadd. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesu' għallimhom biex iħobbu lil xulxin.<br>2. Meta jiġġieldu, jibbuljaw, ma jsellfux, iħallu lil xi ħadd barra... eċċ ma jkunux qed juru mħabba.<br>3. Iħobbu lil kulħadd u jfakkru lill-oħrajn fit-tagħlim sabiħ ta' Ġesù. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jġibu ruħhom tajjeb ma' kulħadd. Kemm hu sew li jirrispettaw lil kulħadd. | |
| | | |
| **4.14** | **Nitolbu għall-oħrajn** | **4.8** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu li t-talb huwa għotja u turija ta' mħabba wkoll.<br>2. Ġesù jieħu ħsieb lil dawk li aħna nitolbu għalihom. | |

| | | |
|---|---|---|
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. L-istorja ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù.<br>2. It-talb huwa għajnuna għal min hu fil-bżonn.<br>3. Ningħaqdu flimkien biex nitolbu. | |
| L-Attitudni | L-istudenti jiftakru f'min hu fil-bżonn u jitolbu għalih. | |
| | | |
| **Il-Milied u l-Għid il-Kbir** | | |
| **Kap 5** | **Twieled Għalina** | |
| | | |
| **L-Objettiv:** | **Il-Lingwa Reliġjuża** | |
| 5.1 | Aħna rigali t'Alla | 5.1 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu x'inhu rigal u għalfejn nagħtu r-rigali.<br>2. Jagħrfu li Ġesù huwa l-akbar rigal li Alla tana.<br>3. Jirrealizzaw li b'dak li għandna, aħna rigali għal xulxin. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Jagħtu rigal biex iferrħu lil xi ħadd.<br>2. Jagħtu rigal lil min iħobbu.<br>3. Alla tana affarijiet sbieħ għaliex iħobbna u jridna nkunu ferħanin.<br>4. "Jien rigal għalik u inti rigal għalina." | |

| | | |
|---|---|---|
| L-Attitudni | L-istudenti jkunu qalbhom tajba ma' ta' madwarhom u allura jkunu qed japprezzaw l-imħabba tagħhom u juruhom li huma speċjali għalihom. | |
| | | |
| 5.2 | X'rigal kbir | 5.2 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jirrevedu x'inhu  rigal u għalfejn jagħtu r-rigali.<br>2. Jagħrfu li Ġesù huwa l-akbar rigal li Alla tahom.<br>3. Jagħrfu kemm fil-verità  Alla ħabbna meta tana lil Ġesù bħala rigal.<br>4. Jirrealizzaw li b'dak li għandhom, huma rigali għal xulxin. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù huwa rigal mingħand Alla.<br>2. Ġesù huwa l-ikbar rigal li tana.<br>3. Meta Alla tana lil Ġesù kien qed jurina li veru jħobbna.<br>4. Ala tana lil Ġesù biex jgħallimna x'irridu nagħmlu biex immorru l-ġenna. | |
| L-Attitudni | L-istudenti japprezzaw lill-oħrajn ħalli jkunu qed japprezzaw lil Ġesù. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Kelma t'Alla** | |
| 5.3 | Sliem għalik Marija | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jiskopru kemm hi kbira l-Madonna.<br>2. Isiru midħla mal-istorja tat-tħabbira mill-Anġlu Gabriel.<br>3. Jagħrfu li bħal Marija, huma wkoll iridu jħejju għall-miġja ta' Ġesù. | |

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Alla għażel lil Marija biex issir Omm Ġesù.<br>2. Kien Alla li għażel l-isem għat-tarbija Ġesù.<br>3. Iħejju ruħhom għall-Milied mhux bir-rigali u t-tiżjin iżda:<br>- Billi jieħdu sehem fil-quddies.<br>- Imorru l-purċissjoni u jattendu ma' tal-Museum. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jgħidu 'iva' għat-tajjeb u 'le' għall-ħażin. | |
| | | |
| **5.4** | **Marija qalet 'iva' lil Alla** | **5.3** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jiskopru kemm hi kbira l-Madonna.<br>2. Isiru midħla mal-Istorja tat-tħabbira mill-Anġlu Gabriel.<br>3. Jagħrfu li bħal Marija , aħna wkoll irridu nħejju għall-miġja tal-Bambin. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Marija dejjem qalet 'iva' lil Alla għalkemm kienet taf li mhux dejjem ħa jseħħ dak li tixtieq hi.<br>2. Tajjeb li anke huma jgħidu 'iva' lil Alla u jagħmlu dak li hu xieraq.<br>3. Iridu jgħidu 'le' għal dak kollu li jbegħedhom minn Alla. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti japprezzaw lill-Madonna billi nhobbu kif habbet hi | |
| | | |

| L-Objettiv | Id-Dimensjoni Spiritwali | |
|---|---|---|
| 5.5 | L-Iben t'Alla sar bniedem | 5.4 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu l-istorja tal-Milied f'sekwenza.<br>2. Jieħdu pjaċir jirreċtaw u jsiru jafu aħjar il-personaġġi ta' din l-istorja.<br>3. Jagħrfu li Ġesù twieled għalina biex aħna mmorru l-ġenna.<br>4. Jaqsmu l-ferħ li jġib miegħu l-Milied ma' ta' madwarhom permezz t'għanjiet u reċti tal-Milied. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-Milied ifakkarna fit-twelid ta' Ġesù.<br>2. Ġesù twieled għalina biex isalvana u aħna nkunu nistgħu mmorru l-ġenna.<br>3. Il-Milied hija festa ta' ferħ.<br>4. Il-Milied niċċelebrawh fil-25 ta' Diċembru. | |
| L-Attitudni | L-Avvent hu żmien ta' tħejjija. L-istudenti għandhom dejjem jagħmlu dak i hu mistenni minnhom biex ikunu ppreparati sew. | |
| | | |
| 5.6 | L-Istorja tal-Milied | 5.5 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu l-Istorja tal-Milied f'sekwenza.<br>2. Jieħdu pjaċir jirreċtaw u jsiru jafu aħjar il-personaġġi ta' din l-istorja.<br>3. Jagħrfu li Ġesù twieled għalina biex aħna mmorru l-ġenna.. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-Milied ifakkarna fit-twelid ta' Ġesù. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. Ġużeppi u Marija marru minn Nazaret sa Betlem.<br>3. Ma setgħux isibu post Betlem fil-lukanda għax kienet mimlija u kellhom isibu post f'għar.<br>4. Ġesù twieled fl-għar.<br>5. Ommu Marija poġġietu ġo maxtura.<br>6. L-ewwel nies li adurawh kienu r-rghajja.. | |
| **L-Attitudni** | Ħbieb tajbin igawdu l-ewwel bħalma ġralhom ir-rgħajja. Ikunu ħbieb tassew biex igawdu flimkien. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika.** | |
| **5.7** | **Niċċelebraw bil-kbir din il-festa.** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jirrevedu l-Istorja tal-Milied.<br>2. Jieħdu pjaċir jirreċtaw u jsiru jafu aħjar il-personaġġi ta' din l-istorja.<br>3. Jaqsmu l-ferħ li jġib miegħu l-Milied ma' ta' madwarhom permezz t'għanjiet u reċti tal-Milied. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-Milied ifakkarhom fit-twelid ta' Ġesù.<br>2. L-isbaħ rigal li jagħtu lil Ġesù huwa li jħobbu aktar u jgħinu aktar.<br>3. Ir-rigali li jagħtu għandhom ikunu mill-qalb u m'hemmx għalfejn jiswew ħafna flus.<br>4. Mhux li jagħtu li jgħodd imma kif jagħtuh. | |
| **L-Attitudni** | Jaraw lil min jistghu jferhu f'dan il-Milied. (Zjara f'xi dar tat-tfal) | |
| | | |
| **5.8** | **Inferrħu lil xulxin** | **5.6** |

| | | |
|---|---|---|
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu japprezzaw ir-rigali li Alla jogħġbu jagħtihom.<br>2. Japprezzaw li huma xxurtjati li jistgħu jifirħu bit-twelid ta' Ġesù.<br>3. Jagħrfu kif jaqsmu dan il-ferħ mal-oħrajn billi jixxerjaw u jaħdmu flimkien. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-Milied iġib ferħ kbir permezz ta' għoti ta' rigali, festini u ħlewwiet, imma mhux kulħadd jista' jgawdi l-Milied.<br>2. Mhux jirċievu rigali biss imma jagħtu wkoll għax kulħadd jieħu gost bir-rigali.<br>3. Meta jixxerjaw u jaħdmu ma' sħabhom ikunu qed jagħtu rigal ukoll. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti japprezzaw ir-rigali li jaqilgħu billi jgħidu 'grazzi' u jkunu qalbhom tajba ma' min hu inqas ixxurtjat minnhom. | |
| | | |
| **Kap 6** | **Salvana** | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Lingwa Reliġjuża** | |
| **6.1** | **Nikber bħal Ġesù** | **6.1** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu li bħal Gesù ma baqgħux trabi imma qegħdin jikbru.<br>2. Jiskopru li kibru fil-ġisem, kif ukoll fil-kisba ta' ħiliet ġodda.<br>3. Jifhmu li bħal Ġesù għandhom jikbru fi tfal bil-għaqal. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan: | |

| | | |
|---|---|---|
| | 1. Kulħadd xi darba kien tarbija.<br>2. Iridu jitgħallmu kif jikbru bil- għaqal.<br>3. Huma jridu jitgħallmu jġibu ruħhom skont l-età tagħhom.<br>4. Ġesù bħalhom kien tarbija u kiber.<br>5. Huma bħal Ġesù ser jikbru f'adulti bil-għaqal. | |
| **L-Attitudni** | Biex l-istudenti jsiru tfal bilgħaqal iridu joqogħdu attenti sabiex jagħżlu dak li hu tajjeb. | |
| | | |
| **6.2** | **Kemm qed nikbru** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu li huma wkoll, bħal Ġesù, ma baqgħux trabi imma qegħdin jikbru.<br>2. Jiskopru li kibru kemm fil-ġisem u kif ukoll fil- kisba ta' ħiliet ġodda.<br>3. Jifhmu li, bħal Ġesù, iridu jiżviluppaw dawn il-ħiliet.<br>4. Jitgħallmu li r-Randan hu żmien fejn għandhom jagħmlu sforz akbar biex ikunu bil-għaqal. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ħadd ma jibqa' żgħir imma kulħadd jikber.<br>2. Huma jridu jitgħallmu x'inhuma l-ħiliet tagħhom.<br>3. Ġesù żviluppa dawn il-ħiliet.<br>4. Aħna, bħal Ġesù, iridu jiżviluppaw dawn il-ħiliet ukoll. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti, fil-limitazzjonijiet tagħhom, jifhmu li m'għandhomx jimxu bl-aptit iżda għandhom jagħmlu ħilithom biex jagħmlu li hemm bżonn ħalli dejjem isiru aħjar. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Kelma t'Alla** | |

| 6.3 | **Ħobb bħali** | 6.2 |
|---|---|---|
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu kemm ħabbhom Ġesù meta  bata  għalihom.<br>2. Jitgħallmu l-istorja tal-Passjoni f'sekwenza.<br>3. Japprezzaw il-kultura Maltija u l-attivitajiet li ġġib magħha l-Ġimgħa Mqaddsa, bħall-wirijiet u l-purċissjonijiet. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Bħala Nsara, f'dawn iż-żminijiet.  Huma għandhom jiftakru fit-tbatija ta' Ġesù.<br>2. Fil-knisja jsiru t-tifkiriet ta':<br>• meta Ġesù daħal Ġerusalemm.<br>• meta Ġesù għamel l-aħħar ikla. | |
| **L-Attitudni** | Tajjeb li l-istudenti jaħsbu kif ħa jgħixu aħjar, billi jieħdu l-eżempju t-tajjeb ta' dawk ta' madwarhom u ma jikkupjawx l-eżempju ta' min jiżbalja. | |
| | | |
| 6.4/6.5 | **Ġesu fil-passjoni** | 6.3 |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu kemm bata Ġesù għalina.<br>2. Jirrevedu  l-istorja tal-Passjoni f'sekwenza.<br>3. Jiftakru meta Ġesù;<br>• Ġie msawwat;<br>• Imwaqqa' għaċ-ċajt;<br>• Imsallab fuq salib;<br>4. Jesperjenzaw din il-ġrajja permezz ta' żjajjar għal xi wirjiet ta' vari. | |

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Fil-Ġimgħa Mqaddsa niftakru fil-mewt u l-qawmien ta' Ġesù.<br>2. Ġesu ma baqax mejjet imma qam mill-mewt. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jaħsbu kif ħa jgħixu aħjar, billi jieħdu l-eżempju t-tajjeb ta' dawk ta' madwarhom u ma jikkupjawx l-eżempju ta' min jiżbalja. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Id-Dimensjoni Spiritwali** | |
| 6.6 | Hallelujah | 6.4 |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu li għalkemm Ġesù bata għalina, l-istorja għandha tmiem sabiħ.<br>2. Jifhmu li din hi l-akbar festa għalina l-Insara u li magħha ġġib ferħ kbir.<br>3. Japprezzaw il-kultura Maltija u għax hi festa għandhom jieħdu sehem f'purċissjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa u tal-Irxoxt.<br>4. Jifhmu għaliex jirċievu l-figolli u l-bajd tal-Għid. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>• Ġesù ma baqax mejjet imma qam, u għahekk għandhom għalfejn jifirħu.<br>• Marija Madalena, Ġwanni u Pietru kienu l-ewwel nies li ħabbru l-qawmien ta' Ġesù mill-mewt.<br>• L-istorja ta' Ġesù għandha tmiem ta' ferħ.<br>• Ġesù ma baqax mejjet iżda għadu ħaj u għalhekk għandhom għalfejn jifirħu. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jaħdmu ħalli jikbru bil-għaqal ħalli jkunu nistgħu jmorru l-ġenna. | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 6.7 | Mhux hawn imma qam! | 6.5 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu li għalkemm Ġesù bata għalina, l-istorja għandha tmiem sabiħ.<br>2. Jifhmu li din hi l-akbar festa għalina l-Insara u li magħha ġġib ferħ kbir. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. L-Għid hija festa ta' ferħ kbir.<br>2. L-istorja ta' Ġesu' għandha tmiem ta' ferħ.<br>3. Ġesu' ma baqax mejjet iżda għadu ħaj u għalhekk għandna għalfejn nifirħu. | |
| L-Attitudni | Nieħdu interess u mmorru naraw il-purċissjonijiet tal-Irxoxt li jfakkar din il-grajja.. | |
| | | |
| L-Objettiv | Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika | |
| 6.8 | Ġesu miegħi kuljum | 6.6 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu li Ġesù qiegħed dejjem magħna u jridna nagħmlu dak li hu tajjeb.<br>2. Jifhmu li biex iħobbu lil Ġesù jridu jħobbu lill-oħrajn ukoll.<br>3. Jaħsbu kif fil-ħajja tagħhom ta' kuljum jistgħu jħobbu lil- oħrajn billi jagħmlu dak li hu tajjeb.<br>4. Jagħrfu li meta jħobbu lill-oħrajn ikunu tassew kuntenti. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. L-Għid jiċċelebrawh mhux biss bil-festi u l-ikel iżda billi jogħġbu lil Ġesù wkoll.<br>2. Jogħġbu lil Ġesù b'imġiba tajba.<br>3. Imġiba ħażina tbegħedhom minn Ġesù u tagħmilhom mdejqin. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 4. Ġesù dejjem magħhom biex jurihom liema hu t-tajjeb. Imma l-għażla f'idejhom. | |
| L-Attitudni | L-istudenti jifhmu li meta jagħżlu li jagħmlu t-tajjeb u jevitaw li jagħmlu l-ħażin, ikunu tfal kuntenti u jferrħu lil dawk li l-aktar iħobbuhom. | |

**Is-Segretarjat għall-Katekeżi.**

**Ġunju 2013**